MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 1153/2010

**BALLUT BLOCK SERVICES LIMITED** (C-8360)

**vs**

Anthony **FOUNTAIN** u martu Helena Fountain

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fid-9 ta' Novembru, 2010, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet (a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) li l-Qorti

tikkundanna lill-imħarrkin, solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ sitta u tletin elf, ħames mija u tmienja u sittin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€36,568.99) li tirrappreżenta d-dejn kanoniżżat b’sentenza li saret ġudikat li huma ggarantew li jagħmlu tajjeb għalih personalment favur l-istess kumpannija attriċi, fl-att pubbliku ta’ kostituzzjoni ta’ debitu tal-1 ta’ Ġunju, 2009, fl-atti tan-Nutar Joseph Abela;

Talbet ukoll il-ħlas tal-imgħaxx legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimati li naqsu li jidhru meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet lir-rappreżentant tas-soċjeta’ attriċi jikkonferma li l-ebda biċċa mill-ammont mitlub ma tħallas;

Semgħet l-Avukati tas-soċjeta’ attriċi, waqt is-smigħ tal-lum jiddikjaraw li joqogħdu fuq il-provi li diġa’ qegħdin fl-atti tal-kawża;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċju tal-intimati taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

1) **Tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjeta’ attriċi** u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ sitta u tletin elf, ħames mija u tmienja u sittin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€36,568.99) rappreżentanti dejn kanoniżżat minnhom garantit kif fuq ingħad, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mid-9 ta’ Lulju, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lill-imħarrkin *in solidum* bejniethom biex iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------